MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2009

Numru 714/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Raymond Tabone**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Raymond Tabone ta’ 51 sena, bin Francis u Mary nee’ Borg imwieled Pieta’ fl-4 ta’ Ottubru 1957 u residenti 87, Dar iz-Zerniq, Triq il-Fellukka, Marsaxlokk u detentur tal-karta tal-identita’ numru 667057(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fil-15 ta’ Lulju 2008 ghal habta ta’ 1pm u f’ diversi zminijiet u hinijiet qabel zamm jew kellu fil-pussess u taht il-kontroll tieghu fil-fond jew fid-dintorni tieghu bl-isem 87, Dar iz-Zernieq li jinsab fi Triq Fellukka, Marsaxlokk arma tan-nar u munizzjon cioe’ revolver tal-marka u serial number mhux maghrufa u 19-il balla u xi munizzjon iehor.

F’ Malta gie fil-pussess ta’ armi tan-nar jew munizzjon xort’ohra milli b’ licenzja u naqas li jirraporta minnufih lil Pulizija meta akkwista arma tan-nar u munizzjon cioe’ revolver ta’ ghamla u serial number mhux maghrufa u 20 balla.

F’ hinijiet u fiz-zminijiet qabel id-data ta’ 15 ta’ Lulju 2008, fil-fond jew fid-dintorni tieghu bl-isem ‘Gym Stars’ li jinsab fi Triq il-Knisja, Tarxien u fi bnadi ohra f’ dawn il-Gzejjer kellu fil-pussess u taht il-kontroll tieghu, armi tan-nar u munizzjoni cioe’ revolver tal-marka u serial number mhux maghrufa u 19-il balla u munizzjon iehor, kif ukoll zamm u garr l-istess arma li hi arma regolari u l-istess munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Fl-istess data, hin u cirkostanzi fil-fond bl-isem Gym Stars li jinsab fi Triq il-Knisja, Tarxien qabad arma tan-nar cioe’ revolver tal-marka u serial number mhux maghrufa u hedded lil Noel Mercieca mill-Fgura.

Fl-istess data, hin u cirkostanzi fil-fond Gym Stars li jinsab fi Triq il-Knisja, Tarxien b’ xi mod iehor mhux imsemmi fil-Kodici Kriminali volontarjament kiser il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta ta’ Noel Mercieca mill-Fgura u tapplika l-provedimenti ta’ Art 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-22 ta’ Jannar 2009 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat li l-Prosekuzzjoni rtirat ir-raba' akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat.
Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-22 ta' Jannar, 2009 ghall-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-ewwel, it-tieni, t-tielet u l-hames akkuza migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u l-imputat baqa' jinsisti li jirregistra ammissjoni.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-istess imputat l-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal- ewwel, it-tieni, it-tielet, u l-hames akkuza  migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi. Il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' akkuza stante li din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni fl-udjenza tat-22 ta' Jananr 2009.

Ikkunsidrat:

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ammissjoni bikrija tal-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, il-fedina penali kwazi netta tal-imputat kif ukoll il-fatt li huwa ikkopera bis-shih mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet u jidrilha li m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 3, 5, 41 u 51 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 338(dd) u 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal perijodu ta' tmintax (18)-il xahar millum. Stante li r-raba' akkuza giet irtirata mill-Prosekuzzjoni fl-udjenza tat-22 ta' Jannar

2009 il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 56 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna l-konfiska tal-arma esebita f'dawn l-atti u mmarkata bhala Dok. SZ4.

Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li kopja ta' din is-senteza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------